## Il-Ħadd 16.01.2022

1. It-Tlieta 18/01:
   - Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara bit-tema: **"Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh."** *(Mattew 2:2)*.

2. Il-Ġimgħa 21/01:
   - Fis-6:30pm - Servizz Ekumeniku Djoċesan b'rabta mal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara. Dan ser isir fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta, u ser jitmexxa mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju, bir-riflessjoni biblika issir minn Pastor Earl Pinkston. Kulħadd huwa mistieden, filwaqt li jiġU osservati l-miżuri kollha biex il-pandemija ma tixteridx.

3. Il-Ħadd 23/01: **It-Tielet Ħadd matul is-Sena u Ħadd il-Kelma ta' Alla.**

4. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li matul din il-ġimgħa ser jitqassmu xi envelopes biex jimtlew bid-donazzjonijiet tagħkom. Dawn jinġabru l-Ħadd li ġej (23/01) minn xi membri bejn id-9:00am u 12:00pm.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħadd 23/01, mit-8:30am sas-1:00pm, il-*Mobile Blood Donation Unit* ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tagħna sabiex tkunu tistgħu tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 50 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
   - € 1,775 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq l-istess għan. Grazzi mill-qalb.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

7. Nitolbu għal Nicholas Cutajar li għadda għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...